MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Numru. 398/2002

Il-Pulizija
(Sp Nadia Lanzon)
vs
Joseph Micallef, iben Vincent,
imwieled Floriana fil-31 ta'
marzu, 1953

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer u fil-bajja ta' Marsaxlokk fl-20 ta' jannar, 2002, kif ukoll fit-13 ta' frar, 2002, bħala persuna li f'ismu għandu liċenzja ta' pilot għall-bastimenti li ma jeċċedux it-30,000 tunnellata netta, għamel dan il-mestier fuq bastimenti li jeċċedu l-limiti kif speċifikati fuq il-liċenzja tiegħu;

2. talli fl-istess dati, lok u ċirkostanzi fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku għamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imnizzla f'reġistru jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġja ffirmati jew magħluqa;
3. talli fl-istess ċirkostanzi xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;
4. talli fl-istess ċirkostanzi, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku kellu jissorvelja biex dan ir-reat ma jsirx u minħabba l-kariga tiegħu, huwa kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir dan ir-reat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' jannar, 2003 fejn dehe l-avukat tal-Awtorita' marittima ta' Malta u nforma l-Qorti li l-Awtorita' qed tirtira l-kwerela kontra
l-imputat.

Għaldaqstant, invista tad-dikjarazzjoni tal-Awtorita' marittima ta' Malta tiddikjara
l-proċediment eżawrit.

--------------------------------TMIEM--------------------------------